MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2010

Numru 160/2007

**Il-Pulizija**
**Sp James Grech**
**vs**
**Emanuel Degabriele**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Emanuel Degabriele ta' 52 sena iben Spiridione u Giuseppa nee' Borg mwieled Valletta fit-23 ta' Marzu 1954 u residenti 6 Triq Idmejda Balzan, ID 226154 (M).**

**Akkuzat talli fil-Floriana nhar il-Hadd 25 ta' Frar 2007 ghall-habta ta' 10.30am:**

**1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra Victor Caruana ID 3480454 (M) liema persuna huwa nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-**

**waqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetendi u kkagunalu feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Victor Caruana skond kif medicament ccertifika Dr Saviour Cilia MD mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana**

**2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghanmel offiza fuq Victor Caruana, liema persuna hija nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.**

**3. Akkuzat ukoll talil fl-istess data, lok, u hin volontarjament kiser il-buon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat, hsejjes jew b'mod iehor.**

**Rat l-atti kollha tal-process inkluz il-kunsens ta' l-Avukat Generali kif wkoll il-kunsens ta' l-imputat sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, liema ammissjoni l-imputat kkonferma wara li nghata hin xieraq biex jahsibha. Stante li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh, dawn huma ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 96 (A), 95 (1), 221, 338(dd) tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrieh izda flok tikkundannah qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien tliet snin millum. Il-Qorti spjegat l-ARtikolu 22 tal-kap 446 lill-imputat fi kliem semplici.**

**Qed tordna wkoll lill-imputat jintrabat b'obligazzjoni li ma jheddidx jew jersaq lejn il-persuna ta' Victor Caruana.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------